**Suġġett**

Rikors għal annullament imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, tat-18 ta' Settembru 2003 (każ R 191/2002-2), dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn Pelikan Vertriebsgesellschaft mbH & Co. KG u Dainichiseika Colour & Chemicals Mfg. Co. Ltd.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Dainichiseika Colour & Chemicals Mfg. Co. Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 21, 24.1.2004.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' April 2008 — L-Olanda vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-233/04)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat — Direttiva 2001/81/KE — Miżura nazzjonali li tistabbilixxi sistema ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet għan-nitrogen oxides — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni — Ammissibbiltà — Vantaġġ — Nuqqas ta' natura selettiva tal-miżura")***

(2008/C 128/64)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' l-Olanda (rappreżentanti: H. Sevenster, J. van Bakel u M. de Grave, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. van Vliet u V. Di Bucci, aġenti)

*Parti intervenjenti in sostenn tal-parti rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: W.-D. Plessing u M. Lumma, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 1761 finali, ta' l-24 ta' Ġunju 2003, dwar l-għajnuna mill-Istat N 35/2003 dwar is-sistema ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet għan-nitorgen oxides innotifikata mir-Renju ta' l-Olanda.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 1761 finali, ta' l-24 ta' Ġunju 2003, dwar l-għajnuna mill-Istat N 35/2003 dwar is-sistema ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet għan-nitorgen oxides innotifikata mir-Renju ta' l-Olanda hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 275, 15.11.2003 (li qabel kienet il-kawża C-388/03).

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' April 2008 — Cestas vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-260/04)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Fond Ewropew għall-Iżvilupp — Rimborż ta' ħlas bil-quddiem — Nota ta' debitu — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att preparatorju — Inammissibbiltà")***

(2008/C 128/65)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Centro di educazione sanitaria e tecnologie appropriate sanitarie (Cestas) (Bolonja, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment N. Amadei u C. Turk, u sussegwentement N. Amadei u P. Manzini, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Montaguti u F. Dintilhac, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (Delegazzjoni fir-Repubblika tal-Ginea) tal-21 ta' April 2004, mibgħuta lir-rikorrent permezz ta' ittra rreġistrata, li tordna lil dan ta' l-aħħar iħallas is-somma ta' 959 543 835 Franki tal-Ginea (EUR 397 126,02).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Iċ-Centro di educazione sanitaria e tecnologie appropriate sanitarie (Cestas) għandu jbati tliet partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tiegħu. Huwa għandu jbati wkoll tliet partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tal-Kummissjoni.*